MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 142/1998/1

**Giusepp Camilleri u b'digriet tat-28 ta' Dicembru 1999 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Mary mart Louis Camilleri, Carmela sive Charlotte mart David Farrugia u Rosa armla ta' Giusepp Camilleri stante l-mewt fil-mori tal-imsemmi Giusepp Camilleri; Margerita mart Ganni Said, Mary mart Salvu Camilleri, Maria mart Michael Camilleri, Guzepp Camilleri, Ganna Camilleri, Adelina Falzon, Carmena mart Joseph Vella, Joseph Azzopardi, Angelo Azzopardi, John Azzopardi, Rita mart Lawrence Sultana, Rose mart Joseph Falzon, Maria mart Joseph Cassar, Maria Assunta mart Pietru Said li qed tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom ta' hutha imsifrin Carmela Muscat, Marija Muscat u Rita Muscat; Pauline mart Michael Vella li qed tidher kemm f'isimha proprju kif ukoll ghan-nom tal-erba' ulied ta' huha l-mejjet Ganni u cioe' Frances, Mary, Johnny u Joseph ahwa Muscat; Philip Muscat, Antonia mart Frank Said, Frances mart George Xuereb u Coronato Muscat**

**vs**

**Michael Camilleri u l-Avukat Dr Alfred Grech li permezz ta’ digriet tat-23 ta’ Dicembru 1997 gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsifrin Pietru Camilleri u Maria mart Ninu Sapiano**

Il-Qorti,

Ic-citazzjoni ta’ l-atturi taqra:

Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Awissu ta’ l-elf disa’ mija u sittin (1960) mietet fin-Nadur, Ghawdex, Carmela Camilleri mart Angelo, bint il-mejtin Coronato Camilleri u Margaret nee’ Vella, imwielda fin-Nadur fejn kienet toqghod u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt taghha (dok.A);

Illi l-wirt u successjoni ta’ l-imsemmija Carmela Camilleri huma regolati permezz ta’ tliet testmenti ‘unica charta’ illi hija ghamlet flimkien ma’ zewgha Angelo Camilleri fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Settembru tal-elf disa mija disa’ u erbghin (1949) ricevut minn Nutar Giuseppi Cauchi (dok.B), fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Novembru elf disa mija sitta u hamsin (1956) ricevut minn Nutar Giuseppe Grech (dok.C) u fis-sitta (6) ta’ Awissu ta’ l-elf disa mija tmienja u hamsin (1958) ricevut minn Nutar Giuseppi Cauchi (dok.D);

Illi fit-tnejn (2) ta’ Dicembru ta’ l-elf disa’ mija tnejn u sebghin (1972) miet fin-Nadur, Ghawdex, Angelo Camilleri iben il-mejtin Francis Camilleri u Michelina nee’ Sultana, imwieled in-Nadur fejn kien joqghod, u dan kif jidher mill-anness certifikat tal-mewt tieghu (dok.E);

Illi l-wirt u s-successjoni ta’ l-imsemmi Angelo Camilleri huma regolati kemm permezz ta’ tliet testmenti ‘unica charta’ illi huwa ghamel flimkien ma’ martu Carmela Camilleri (dok B, C u D) kif ukoll permezz ta’ testament li sar fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Lulju ta’ l-elf disa’ mija u

seghin (1970) ricevut minn Nutar Giuseppi Cauchi (dok.F);

Illi permezz tat-testment ‘unica charta’ tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Novembru ta’ l-elf disa’ mija sitta u hamsin (1956) (dok.C), l-imsemmija Carmela Camilleri hatret lid-disa’ uliedha bhala eredi universali taghha filwaqt li permezz tat-testment tad-disgha u ghoxrin (29) ta’ Lulju tal-elf disa mija u sebghin (1970) (dok. F) l-imsemmi Angelo Camilleri nnomina lil ibnu Peter Camilleri bhala werriet universali tal-beni tieghu kollha;

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta’ komunjoni ghar-rigward ta’ l-eredita’ ta’ ommhom l-imsemmija Carmela Camilleri;

Illi l-atturi jridu li tigi assenjata lilhom il-legittima li tigihom skond il-ligi mill-eredita’ ta’ missierhom l-imsemmi Angelo Camilleri;

Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal divizjoni bonarja dawn dejjem baqghu inadempjenti;

Talbu ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. tahtar amministratur sabiex jamministra l-beni pposseduti in komun bejn il-kontendenti ai termini ta’ l-Artikolu 494 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti gia’ ezistenti bejn l-imsemmija Angelo u Carmela konjugi Camilleri billi jigi ddikjarat li kienet tikkonsisti f’dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

3. taqsam il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata f’zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-assi partikolari tal-konjugi Camilleri;

4. tillikwida l-assi partikolari ta’ Carmela Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsistu f’nofs il-komunjoni ta’ l-akkwisti

hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u immobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

5. taqsam il-beni formanti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Carmela Camilleri f'disa' porzjonijiet li jigu assenjati wahda kull wiehed lid-disa' ulied ta' l-istess Carmela Camilleri jew is-superstiti taghhom;

6. kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmija Carmela Camilleri jew uhud minnhom ma humiex divizibbli tordna l-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn id-disa' ulied ta' l-istess Carmela Camilleri jew is-superstiti taghhom;

7. tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmi Angelo Camilleri billi jigi dikjarat li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u immobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

8. tillikwida u tassenja lill-atturi l-porzjon rizervata lilhom mil-ligi bhala legittima mill-assi ereditarji ta' missierhom l-imsemmi Angelo Camilleri u dan anke billi jigu ridotti u mnaqqsa l-konsistenzi ta' l-assi ereditarji mhollija lill-konvenut Peter Camilleri mill-wirt ta' missieru l-imsemmi Angelo Camilleri ai termini ta' l-Artikolu 647 sa 653 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att opportun ta' divizjoni u assenjazzjoni ta' legittima f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din il-Qorti bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali u rikors ghall-hatra ta' kuraturi pprezentati fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Novembru tal-elf disa mija sebgha u disghin (1997). Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom mahlufa mill-attrici Mary mart Salvu Camilleri flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Camilleri li eccepixxa:

1. preliminarjament, li l-konvenut ma jopponix ghad-divizjoni tal-beni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' Angelo u Carmela konjugi Camilleri jew jekk ma humiex divizibli jsir il-bejgh ta' l-istess b'licitazzjoni;

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-assi partikolari ta' l-imsemmi Angelo Camilleri gia gew assenjati lill-imsiefer Pietru Camilleri ai termini ta' testament pubbliku datat 29 ta' Lulju 1970 maghmul fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Giuseppe Cauchi liema dokument gja huwa esebit fl-elenku tad-dokumenti fl-atti tac-citazzjoni odjerna u mmarkat bhala dok. F

3. illi l-atturi ma humiex intitolati ghall-porzjon riservat lilhom mil-ligi bhala legittima mill-assi ereditarji ta' missierhom Angelo Camilleri peress illi l-istess atturi gia gew assenjati ammonti ta' flus li jeccedu s-somma rikjesta mil-ligi Maltija tas-successjoni u dana kif kienet ix-xewqa ta' l-istess decujus fit-testment tieghu imsemmi fil-paragrafu precedenti;

4. illi r-raba' imsejjah il-Qortin tan-Nadur ghandu jibqa' eskluz mil-likwidazzjoni ta' l-assi partikolari tal-mejtin Angelo u Carmela konjugi Camilleri peress li [ma] tappartjenix lill-istess assi;

5. illi l-konvenut jirriserva d-dritt li jigi kkumpensat ta' l-ispejjez minnu maghmula in kwantu ta' hlasijiet ghar-rigward ta' fidi ta' cens fuq ir-raba' imsejjah Ta' Ghajn Qasab limiti Nadur, Ghawdex;

6. illi l-fond fin-Nadur, Ghawdex, u li jinsab fi Triq it-Telegrafu, ma ghandux interament jigi nkluz fl-imsemmija likwidazzjoni ta' l-assi u sussegwentement il-bejgh tieghu b'licitazzjoni in kwantu ghal dak il-porzjon tad-djar ai termini ta' att ta' vendita maghmul fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Michael Refalo u datat 3 ta' Awissu 1988;

7. salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat folio 80 in-nota ta' l-assunzjoni ta' l-atti tal-konvenut Michael Camilleri ghan-nom ta' ohtu Maria mart Ninu Sapiano;

Rat folio 82 in-nota ta' Joseph Attard li biha assuma l-atti tal-kawza ghan-nom tal-konvenut Pietru Camilleri;

Rat folio 92 digriet taghha, diversament preseduta, fejn ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Mary mart Louis Camilleri, Carmela sive Charlotte mart David Farrugia u Rosa armla ta' Guzepp Camilleri stante l-mewt fil-mori ta' l-attur Giusepp Camilleri;

Rat il-verbal taghha, diversament preseduta, folio 86 fejn gie nominat l-Perit Arkitett Joseph Mizzi bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi Perit Arkitett folio 125 et seq;

Semghet il-konferma bil-gurament ta' l-imsemmi Perit Tekniku fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2005;

Rat l-ahhar verbali taghha;

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma tghaddi biex titratta l-meritu tal-kawza jridu jsiru s-segwenti osservazzjonijiet - l-ewwel: illi minbarra l-konvenut Michael Camilleri, l-konvenuti l-ohra, nonostante r-rikorsi intavolati kif indikat a folio 84 u 85, huma kontumacja; it-tieni: li b'nota ta' l-attur kif rapprezentat minn Maria Camilleri (folio 121) gie dikjarat illi kienu qeghdin jigu estromessi mill-meritu l-fond fi Triq il-Knisja

kantuniera ma’ Triq it-Telegrafu fin-Nadur, Ghawdex, kif ukoll il-fond fi Triq il-Madonna ta’ Lourdes ukoll fin-Nadur, stante illi kienu nbieghu; t-tielet: li l-atturi m’humiex qeghdin jattakkaw l-istituzzjoni ta’ werriet uniku fil-persuna ta’ Pietru Camilleri mill-wirt tal-missier Angelo Camilleri izda zammew ferm il-legittima lilhom spettanti fuq dan il-wirt.

Illi l-kawza titratta divizjoni ta’ l-assi tal-mejtin konjugi Carmela u Angelo Camilleri li mietu rispettivament fit-23 ta’ Awissu 1960 u fit-2 ta’ Dicembru 1972. A bazi tal-erba’ testmenti esebiti in atti, cioe’ dawk maghmula ‘unica charta’ fil-21 ta’ Settembru 1949 (folio 9), fis-26 ta’ Novembru 1956 (folio 12), u fis-6 ta’ Awissu 1958 (folio 26), u dak li sar mill-missier fid-29 ta’ Lulju 1970 (folio 29), ghal dak li hu rilevanti ghall-finijiet ta’ din il-kawza, it-testaturi stitwew bhala werrieta, f’ta’ l-ewwel, (jigifieri dawk maghmula ‘unica charta’), lid-disa ulied, waqt li bit-testment maghmul mill-missier il-werriet gie dikjarat fil-persuna unika ta’ Pietru Camilleri in rikonoxximent tas-servigi prestati. Issa apparti xi kollazzjonijiet li t-testaturi ordnaw li jingabu fil-wirt minn xi whud mill-werrieta, dak li jsegwi hu li l-assi ta’ l-omm, wara li jigu identifikati, ghandhom imorru, f’sehem indaqs, favur id-disa’ ahwa jew l-aventi kawza taghhom, ‘per capita’ jew ‘per stirpes’ skond il-kaz, waqt li ghal dak li huma l-assi tal-missier, l-atturi, flimkien mal-konvenuti Michael Camilleri u Maria mart Ninu Sapiano, ghandhom jinghataw il-kwota taghhom mill-imsemmija assi f’dik il-kwota jigifieri (kwint ta’ l-assi) li tirrizulta dovuta bhala legittima u riservata favur taghhom ‘ex lege’, fil-waqt li r-rimanenti kwota jehodha Pietru Camilleri.

Mill-provi in atti, pero’, fir-rigward liema l-Qorti ma tistax ma turix id-disapprovazzjoni tal-mod kif jinsabu prezentati u migbura, inkluz ta’ kif giet formulta l-perizija teknika, la jezistu elementi li minnhom tista’ tiddistingwi bejn l-assi parafernali u/jew komuni tal-konjugi, jew wkoll f’liema sehem ghandom jippartecipaw il-partijiet fil-kawza, jew adirittura jekk il-partijiet jinkludux il-werrieta kollha. L-unika haga li hi desumibbli hu li mid-disa’ ulied imsemmija fit-testmenti tal-konjugi huma biss l-atturi Giuseppe Camilleri

(li ghalih issubentraw l-arma u z-zewg uliedu stante l-mewt tieghu fil-mori tal-kawza) u Margerita mart Ganni Said, u l-konvenuti Michael u Pietru Camilleri u Maria mart Ninu Sapiano li jissemmew.  Fost l-atturi l-ohra l-identifikazzjoni taghhom hija prattikament indecifrabbli.

Illi mbaghad mill-perizija teknika (folio 125 et seq) waqt li tinsab elenkata (folio 128) lista ta' seba' proprjetajiet supplimentati bi pjanti, anzi site plans, ghal dak li jirrigwarda il-proprjeta' indikata bhala 'bini', lanqas din m'hija identifikabbli. Aktar minn hekk din il-proprjeta' fil-maggor parti taghha ma tinstabx riflessa fl-ebda denunzja tal-konjugi Camilleri u ghalhekk lanqas mhu possibbli li jsir l-iskrutinju necessarju ghall-finijiet tal-Kap 364 u lanqas verifika jekk hiex parafernali jew komuni.

Illi dan kollu jwassal ghar-rizultat wiehed li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw, u dan wara tmien snin li ilha pendenti l-kawza, t-talbiet taghhom.

Il-Qorti ghalhekk qeghdha tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi qeghdha tichad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------